IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 2.4.2009
SEC(2009) 424

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

anċillari mal-

KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

"Shubija ġdida għal modernizzazzjoni tal-universitajiet: il-Forum KE għad-DJALOGU BEJN L-UNIVERSITAJIET U L-IMPRIŻI

Taqsira tal-Istima tal-Impatt

{COM(2009) 158 final
SEC(2009) 423
SEC(2009) 425}

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

TAQSIRA TAL-ISTIMA TAL-IMPATT FUQ SĦUBIJA ĠDIDA GĦALL-MODERNIZZAZZJONI TAL-UNIVERSITAJIET IL-FORUM KE GĦAD-DJALOGU BEJN L-UNIVERSITAJIET U L-IMPRIŻI

L-istima tal-Impatt għandha takkumpanja il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar 'Sħubija ġdida għall-modernizzazzjoni tal-universitajiet: il-Forum KE għad-Djalogu bejn l-Universitajiet u l-Impriżi' Il-Kunsill tal-Edukazzjoni fir-riżoluzzjoni tiegħu dwar il-modernizzazzjoni tal-universitajiet għal kompetittività fl-Ewropa f'ekonomija tal-għarfien globali tistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fir-rigward tal-aġenda ta' Modernizzazzjoni, ukoll billi tinkoraġġixxi l-isħubiji bejn l-universitajiet u s-settur industrijali/privat.

L-edukazzjoni u t-taħriġ kien, mill-bidu, identifikat bħala fattur kruċjali, fil-ksib tal-għanijiet globali tal-Istrateġija ta' Liżbona. Partikolarment importanti f'dan il-kuntest huwa t-Triangolu tal-Għarfien bħala l-ixprun ewlieni tal-ekonomija tal-għarfien biex iwassal għat-tkabbir sostenibbli. L-Ewropa għand tinforza l-isforzi tagħha biex iġġib it-triangolu jaħdem bis-sħiħ.[1] L-universitajiet għandhom rwol ewlieni f'dan ir-rigward u forom ġodda ta' kooperazzjoni bejn l-universitajiet u l-organizzazzjonijiet ta' riċerka mad-dinja tal-intrapriża, biex jiġu indirizzati l-edukazzjoni – ir-riċerka – u l-ekosistemi innovattivi jridu jiġu żviluppati u implimentati.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Twassil għar-Riżultati mill-Aġenda ta' Modernizzazzjoni għall-Universitajiet: Edukazzjoni, Riċerka u Innovazzjoni"[2] enfasizzat ir-rwol ewlieni li l-Universitajiet għandhom **fil-futur tal-Ewropa u għat-tranżizzjoni b'suċċess għal ekonomija u soċjetà ibbażati fuq l-għarfien**. Din enfasizzat il-ħtieġa għal ristrutturar u modernizzazzjoni fil-fond tas-settur biex l-Ewropa ma toħroġx telliefa fil-kompetizzjoni globali fl-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni. Hi pproponiet li n-negozju kellu kontribut x'jagħmel fi tliet oqsma:

- Il-governanza: il-mudelli tal-maniġment tan-neġozji jistgħu jiġu impurtati fid-dinja tal-università;

- Finanzjar: l-intrapriżi għandhom rwol potenzjali fil-finanzjar tal-universitajiet kemm fl-edukazzjoni kif ukoll fl-oqsma tar-riċerka; kif ukoll

- Il-kurrikula: l-istudenti għandhom bżonn jirċievu t-tip ta' edukazzjoni li tħejjihom għad-dinja tax-xogħol tal-futur, l-intrapriżi jistgħu jgħinu biex jiddefinixxu dan u jistgħu joffru x-xorta ta' postijiet li jistgħu jgħinu lill-istudenti jagħmlu t-tranżizzjoni mill-istudju għax-xogħol. L-intrapriżi għandhom iħossuhom mħeġġa biex jirrilaxxaw il-persunal tagħhom għal iktar taħriġ u aġġornament tal-ħiliet tagħhom matul il-ħajja tax-xogħol tagħhom.

---

1 COM(2008) 865 finali "Qafas strateġiku aġġornat għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ"

2 COM(2006) 208 "Twassil għal riżultati fuq l-Aġenda ta' Modernizzazzjoni għal Universitajiet: Edukazzjoni, Riċerka u Innovazzjoni

L-istrateġija rrevduta ta' Liżbona tenfasizza l-importanza ta' approċċ ta' sħubija: l-aġenda ta' Liżbona għandha tkun il-proprjetà tal-partijiet interessati kollha fil-livelli tal-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali. Kollha għandhom jikkontribwixxu biex jibnu l-futur tal-Ewropa. Il-mobilizzazzjoni u l-isforz kollettiv huma l-elementi ewlenin tas-sħubija. **L-universitajiet, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u l-kumpaniji huma atturi kruċjali fi sħubiji bħal dawn.**

Il-Kummissjoni organizzat l-ewwel Forum ta' bejn l-Universitajiet u l-Impriżi fi Frar 2008 u tliet seminars tematiċi sussegwenti matul l-aħħar parti tas-sena. Dan wera li l-partijiet interessati japprezzaw id-djalogu. Id-diskussjonijiet ma ffukawx fuq "JEKK għandux ikun hemm kooperazzjoni", iżda dwar "KIF għandha tiġi organizzata l-kooperazzjoni" sabiex tkun ta' benefiċċju għal partijiet interessati kollha. Il-parteċipanti kemm mill-intrapriża kif ukoll mill-edukazzjoni laqgħu l-opportunità biex jiddjalogaw fuq dawn il-kwistjonijiet u biex jibnu fuq l-esperjenza li diġà inkisbet. Kien hemm appoġġ qawwi biex isir Forum bejn l-Universitajiet u l-Impriżi fil-livell Ewropew li jaġixxi bħala forum għad-djalogu u biex jixpruna l-isħubiji u wkoll għall-ġbir, it-tqassim, l-iskambju u d-disseminazzjoni ta' prattiki tajba dwar kif in-negozji u l-universitajiet jistgħu jikkooperaw għal vantaġġ tagħhom it-tnejn. Din il-Komunikazzjoni tipproponi li tifformalizza l-Forum bejn l-Universitajiet u l-Impriżi u kif għandu jkun strutturat fis-snin li ġejjin; hi tislet konklużjonijiet ta' politika mid-djalogu sa issa u tenfasizza l-kwistjonijiet li jridu jiġu indirizzati fil-fażi li jmiss tax-xogħol tagħha.

Il-Forum bejn l-Universitajiet u l-Impriżi għandu jindirizza firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet matul il-firxa identifikata fil-Komunikazzjoni tal-2006, notevolment:

- għall-appoġġ tal-iżvilupp kurrikulari biex jiżgura impjegabilità aħjar tal-gradwati;
- għall-appoġġ tal-identifikazzjoni ta' dawk il-ħiliet li l-gradwati huma mistennija li jkollhom meta jidħlu fis-suq tax-xogħol;
- għall-appoġġ tal-iżvilupp tal-kultura intraprenditorjali fost il-gradwati, il-professuri u r-riċerkaturi;
- għall-appoġġ tal-iżvilupp ta' strutturi xierqa ta' Governanza fl-Universitajiet;
- għall-appoġġ tal-iżvilupp tal-HE fil-qasam tat-taħriġ matul il-ħajja kollha, iktar preċiżament il-kooperazzjoni bejn l-universitajiet u l-kumpaniji fl-identifikazzjoni u l-provvista ta' programmi ta' taħriġ/taħriġ mill-ġdid;
- għall-appoġġ ta' interdixxiplina u transdixxiplina fl-aġenda tar-riċerka u tat-taħriġ;
- għall-appoġġ tal-iskambju, t-taqsim u l-ħolqien tal-għarfien permezz ta' iktar mobilità bejn l-universitajiet, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka u n-negozji (studenti, riċerkaturi, professuri, persunal ieħor tal-HEI, il-persunal tal-kumpaniji).

L-istima tal-impatt tikkunsidra impatti potenzjali li għandhom x'jaqsmu ma żewġ għanijiet ewlenin minn din l-aġenda globali: il-kwistjoni li wisq gradwati m'għandhomx taħlita xierqa ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi għas-suq tax-xogħol, u t-tieni, il-kapaċità insufiċjenti ta' innovazzjoni fl-Ewropa.

Erba' għażliet ewlenin jeżistu għal azzjoni fil-livell tal-UE: L-ebda azzjoni addizzjonali (xenarju ta' bażi); azzjonijiet speċifiċi li jużaw l-istrumenti eżistenti; azzjoni ta' politika ffukata fuq il-livell tal-UE inkluż il-ħruġ ta'dokument ta' politika fil-livell tal-UE flimkien

mal-istabbiliment ta' pjattaforma fuq livell Ewropew għal djalogu strutturat fost il-partijiet interessati; azzjoni ta' politika ffukata mmirata lejn l-Istati Membri.

Mhux mistenni li jkun hemm impatti ambjentali għall-ebda waħda mill-għażliet. L-għażliet differenti m'għandhomx impatti baġitarji. Kull azzjoni proposta tista' tiġi implimentata fi ħdan ir-riżorsi finanzjarji eżistenti.

L-osservazzjoni turi li l-kooperazzjoni b'suċċess bejn l-universitajiet u l-impriżi għandha impatti soċjali pożittivi ekonomiċi u soċjali. Madankollu, huwa diffiċli li jiġi stmat sa fejn l-għażliet proposti jista' jkollhom impatti ekonomiċi u soċjali fl-Istati Membri. Ma hemm l-ebda mod li dan jiġi stabbilit fuq livell Ewropew u liema azzjoni għandha tittieħed min-naħa tal-Istati Membri. L-UE tista'tipprovdi biss miżuri ta' appoġġ lill-Istati Membri. L-UE tista' turi li hemm urġenza għal azzjoni, hi tista' tidentifika u tgħarraf dwar kwistjonijiet ewlenin u soluzzjonijiet possibbli, hi tista tipprovdi pjattaforma għal diskussjoni u skambju bejn il-partijiet interessati u tista' tipprovdi aċċess għal eżempji ta' prattiki tajba ġejjin minn diversi sorsi. Fuq livell Ewropew, nistgħu ntejbu s-sinerġiji bejn inizjattivi u programmi eżistenti.

Għażla 3, speċifikament azzjoni ta' politika ffukata fuq il-livell tal-UE inkluż il-ħruġ ta' dokument ta' politika fil-livell tal-UE flimkien mat-tiswir ta' pjattaforma fuq livell Ewropew għal djalogu strutturat fost il-partijiet interessati hija meqjusa bħala l-iktar waħda ta' vantaġġ.

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni jistgħu min-naħa waħda jiġu indirizzati skont qafas strateġiku għal kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ, u min-naħa l-oħra jista' jsir stħarriġ speċifiku ieħor biex jevalwa l-progress li jkun sar f'dan il-qasam.